**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 25 ta' Jannar 2024**

**Kawża Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1367/2023 JVC**

**Josephine sive Josette Piscopo (K.I. Nru. 256767M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Josephine sive Josette Piscopo talbet kif isegwi:

**1.** 'Illi l-attriċi twieldet fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tal-elf disa' mija sebgħa u sittin (1967) u ġiet reġistrata bl-isem ta' "Josephine Piscopo", u dana hekk kif jidher mill-att tat-twelid tagħha bin-numru progressiv ta' elfejn ħames mija sebgħa u

sittin (2567) tas-sena elf disa' mija sebgħa u sittin (1967), li kopja tiegħu qed tigi hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok: A**".

2. Illi minn twelidha l-attriċi, għalkemm reġistrata bl-isem ta' "Josephine", dejjem issejħet bl-isem ta' "Josette", u dan l-isem intuża fil-konfront tagħha mhux biss mill-familjari tagħha izda anki, fost l-oħrajn, minn konnoxxenti tagħha u saħansitra min-nies li kienu jaħdmu magħha u professjonisti ohra li konsistentement sejħula u rreferew għaliha bl-isem ta' "Josette" u mhux bl-isem ta' "Josephine" u dan kif attestat minn numru ta' affidavits ta' membri familjari tal-attriċi, li qed jigu hawn annessi u mmarkati minn "**Dok:B**" sa "**Dok:F**".

3. Illi din id-diskrepanza bejn l-isem li huwa imniżżel fiċ-ċertifikat tat-twelid u l-isem li l-attriċi hi magħrufa bih u li jintuża għaliha mill-membri tal-familja tagħha, inkluż mir-raġel tagħha, u persuni oħra, u li dejjem intuża fir-rigward tal-ħtiġijiet kwotidjani tagħha qed tikkaġuna inkonvenjent, konfużjoni u preġudizzju fil-ħajja privata tal-istess;

4. Illi kif se jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża l-attriċi minn dejjem, kienet u għadha sal-llum il-ġurnata konsistentement tissejjaħ bl-isem ta' "Josette" u mhux bl-isem ta' "Josephine", u għaldaqstant qed tintavola dawn l-proċeduri ai termini, *inter alia,* tal-Art. 253(2) u (3) tal-Kodici Ċivili [Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta];

5. Illi l-Art. 253(2) tal-Kodici Ċivili jagħti d-dritt lill-attriċi li tagħmel talba lil din l-Onorabbli Qorti għar-reġistrazzjoni tal-isem li jkun ġie wżat minnha u minn min jafha minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv tagħha, fil-kolonna intestata "ismijiet mogħtija" kif ukoll dik intestata "isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ," wara li din tkun iddikjarata li l-persuna li tkun qed tagħmel it-talba kienet konsistentement imsejjħa b'tali isem;

6. Illi l-attriċi hi ukoll magħrufa bl-isem ta' "Josette" mal-entitajiet u/jew l-awtoritajiet pubbliċi lokali u ma' fornituri tas-servizzi privati, u dan kif jirriżulta mid-dokumenti eżebiti ukoll annessi mal-prezenti att promotur bħala **"Dok: F" sa "Dok. L"**;

7. Illi l-attriċi tixtieq li mhux biss tkun magħrufa bħala "Josette Piscopo" min-nies li jafuha iżda uffiċjalment magħrufa u reġistrata bħala "Josette Piscopo" anke fuq dokumenti uffiċjali u pubbliċi;

## <u>TALBIET</u>

**Għaldaqstant** in vista tas-suespost, l-attriċi titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti togħġobha, prevja kull dikjarazzjoni oħra, sabiex –

I. **TIDDIKJARA** u **TIDDEĊIEDI** illi l-isem "Josette" u mhux l-isem "Josephine" (kif jidher fl-att tat-twelid tagħha) huwa l-isem li l-attriċi minn dejjem użat għaliha nnifisha u li kienet minn dejjem u konsistentement ġiet hekk imsejjħa u magħrufa bih;

II. **TORDNA** illi ai termini tal-Art. 253(2) tal-Kodici Ċivili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta], isir tibdil fl-att tat-twelid tal-attriċi bin-numru progressiv 2567 tas-sena 1967 fis-sens illi l-attriċi tiġi reġistrata bl-isem "Josette" minflok "Josephine" taħt il-kolonna "Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ";

III. **TORDNA** illi ai termini tal-Art. 253(3) tal-Kodici Ċivili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta], il-bdil effetwat fl-att tat-twelid tal-attriċi bin-numru progressiv 2567 tas-sena 1967 kif mitlub fit-tieni talba jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-attriċi, senjament (i) fl-att taż-żwieġ bejn l-attriċi u Dr. Tonio Piscopo bin-numru progressiv 2013 tas-sena 1993 u kif ukoll fiċ-ċertifikati tat-twelid tat-tfal tagħha, u ċioe' (ii) fl-att tat-twelid ta' Nicole Piscopo li twieldet nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997) liema ċertifikat iġib in-numru progressiv

ta' 455 tas-sena 1997; u (iii) fl-att tat-twelid ta' Elaine Piscopo illi twieldet fil-ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn (2000) liema ċertifikat iġib in-numru progressiv 1271 tas-sena 2000;

**Bl-ispejjez** kontra l-konvenut Direttur, li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, innumerat 2567/1967, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata Dok. A, jirriżulta illi hija twieldet f'Malta, fl-24 ta' Ġunju tas-sena 1967, lil George Agius u lil Giorgia Agius, u li Josephine huwa l-isem li ingħatat mill-ġenituri tagħha. Dan mhuwiex ikkontestat, anzi huwa rikonoxxut mill-istess rikorrenti fil-premessi tar-rikors ġuramentat tagħha;

4. Illi kien il-missier, George Agius, li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid tar-rikorrenti u li ddikjara li l-ismijiet illi għandhom jingħatawlha huma 'Josephine, Carmen, Judas-Thaddeo, Giorgia' filwaqt li għandha

tissejjaħ bl-isem 'Josephine'. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid oriġinali tar-rikorrenti, li jinkludi l-firma tal-missier bħala l-persuna li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid tagħha. Vera kopja ta' dan l-att qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1;

**5.** Illi r-rikorrenti pproċediet bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tagħha, stante illi hija ddikjarat li minkejja li Josephine huwa l-isem li ingħatalha mill-ġenituri tagħha, fil-ħajja ta' kuljum hija konsistentement magħrufa bħala Josette;

**6.** Illi fiċ-ċirkostanzi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**7.** Illi bla ħsara għall-premess, u partikolarment fir-rigward tat-tielet talba attriċi, fejn qed tintalab il-korrezzjoni ta' "kull att tal-istat ċivili relattiv għall-attriċi, senjatament fl-att taż-żwieġ bejn l-attriċi u Dr. Tonio Piscopo bin-numru progressiv 2013 tas-sena 1993", qed ikun irrilevat illi l-attriċi naqset milli tispeċifika liema huma l-atti tal-istat ċivili l-oħrajn li jappartjenu lilha, bħal ma huma l-atti tat-twelid ta' uliedha nnumerati 455/1997 u 1271/2000 fejn hija tidher bħala l-omm. Għaldaqstant, u għall-finijiet ta' kjarezza u ċertezza, fl-umli fehma tal-esponent, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma l-atti tal-istat ċivili tagħha u/jew tad-dixxendenti tagħha li fihom huma meħtieġa li jsiru l-korrezzjonijiet, bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom;

8. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 40 tal-proċess.

Rat il-korrezzjoni tat-tielet talba kif mitluba fil-verbal tallum stess;

Rat illi permezz tal-istess verbal ġiet irtirata s-seba' eċċezzjoni tad-Direttur intimat;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat il-bosta dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti mar-rikors ġuramentat li turi li tul ħajjitha hija minn dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' Josette u mhux ta' Josephine. Rat ukoll l-affidavits tal-istess rikorrenti u ta' ħutha u konoxxenti tagħha li lkoll ikkonfermaw li jafuha bl-isem ta' Josette, tant li

lanqas ħutha uħud minnhom ma' kienu jafu li fil-fatt jisimha Josephine.

Illi in vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata w'ser tgħaddi sabiex tibqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ghar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-isem "Josette" u mhux l-isem "Josephine" (kif jidher fl-att tat-twelid tagħha) huwa l-isem li l-attriċi minn dejjem użat għaliha nnifisha u li kienet minn dejjem u konsistentement ġiet hekk imsejjħa u magħrufa bih;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi ai termini tal-Art. 253(2) tal-Kodici Ċivili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta], isir tibdil fl-att tat-twelid tal-attriċi bin-numru progressiv 2567 tas-sena 1967 fis-sens illi l-attriċi tiġi reġistrata bl-isem "Josette" minflok "Josephine" taħt il-kolonna "Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ";

4. Tilqa' t-tielet talba kif korretta u tordna illi ai termini tal-Art. 253(3) tal-Kodici Ċivili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta], il-bdil effetwat fl-att tat-twelid tal-attriċi bin-numru progressiv 2567 tas-sena 1967 kif mitlub fit-tieni talba jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili

relattiv għall-attriċi, senjament (i) fl-att taż-żwieġ bejn l-attriċi u Dr. Tonio Piscopo bin-numru progressiv 2013 tas-sena 1993 u kif ukoll fiċ-ċertifikati tat-twelid tat-tfal tagħha, u ċioe' (ii) fl-att tat-twelid ta' Nicole Piscopo li twieldet nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997) liema ċertifikat iġib in-numru progressiv ta' 455 tas-sena 1997; u (iii) fl-att tat-twelid ta' Elaine Piscopo illi twieldet fil-ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn (2000) liema ċertifikat iġib in-numru progressiv 1271 tas-sena 2000;

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**6.** Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**25 ta' Jannar 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**25 ta' Jannar 2024**